**1 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Gio Maria Zammit et.

*versus*

Avv. Dr. Joseph Vella ne.

**Serviġi — Gratuwità — Parentela.**

*Il-prinċipju tal-gratuwità tas-serviġi hu applikabbli biss fil-każi fejn ir-rapporti bejn min jippresta s-serviġi u min jirċevi-*

*hom jkunu int'mi ta' demm, ħbiberija u affezzjoni kbira, u kemm il-darba dawk is-serviġi, għalkemm ikkaġunaw inkomodu kbir lil min ipprestahom, ma kkaġunawlux però perdita materjali. U b'dan kollu, kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu partikulari.*

*F'l-ġurisprudenza anterjuri, il-preżunzjoni tan-"non gratuwità ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' serviġi prestati bejn parenti, fejn is-serviġi ġew ritenuti prestati "familiar'tatis causa"; imma fil-ġurisprudenza aktar reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Ewwel Istanza applikat dawn il-prinċipji, u fuqhom akkordat lill-atturi kumpens talli kienu pprestaw serviġi lill-mejta zija, barra milli tathom id-dritt għar-rimborż tal-ispejjeż li kienu erogaw fl-interess tal-mejta; u l-Qorti tal-Appell awmentat ir-rata ġornaljera ta' kumpens għas-serv'ġi li kienet akkordat l-Ewwel Qorti, u anki akkordat kumpens moderat lill-istess atturi talli dawn kienu jmorru jivviżitawha regolarment fiż-żmien li kienet l-isptar, u kienu jeħdulha xi affarijiet ta' 'kel u xorb li kienet tieħu pjaċir bihom, u anki titlobhom; u dan b'riforma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet ċaħdet lill-atturi dan il-kumpens moderat barrani.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li ppremettew illi huma, fuq inkariku jew bil-kunsens tal-imsemmija Maria Pace, għamlu a vantaġġ u benefiċċju tagħha l-ispejjeż indikati fl-annessi prospetti (dok. A u B), ammontanti għas-somma ta' £73.5.9, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi, wara li mietet Maria Pace, huma erogaw l-ispejjeż kollha neċessarji għall-funerali tagħha, peress li kienu qegħdin jieħdu kura ta' dak kollu li kellha bżonn id-decujus, u dan a benefiċċju eskluživ tal-eredità ġjaċenti konvenuta, bl-intenzjoni li jiġu rimborżati mill-ispejjeż erogati, liema spejjeż jammontaw għal £33.16.3.

kif spjegat fid-dokument li ġie anness u markat Dok. C; u illi huma rrendew serviġi a favur tal-imsemmija Maria Pace fuq talba u bil-kunsens tagħha, sija meta din kienet l-isptar u sija meta kienet id-dar, kif jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża; u illi s-serviġi ġew reżi u riċevuti bl-intenzjoni ta' ħlas; u illi huma għadhom ma ġewx imħallsin għal dawn l-ispejjeż, serviġi u fornituri, mill-konvenut nomine, li naqas li jaddivjeni għall-likwidazzjoni tal-kreditu u ħlas tiegħu; u illi l-konvenut nomine huwa responsabbli li jirrestitwilhom is-somom minnhom minfuqa għal Maria Pace u jħallashom kumpens għas-serviġi minnhom magħmula; talbu illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji, inkluża, jekk hemm bżonn, dik illi l-konvenut nomine huwa legalment obligat li jħallashom kumpens għas-serviġi prestati minnhom lil Maria Pace u għall-fornituri ta' ikel minnhom imħallsa għaliha, kif fuq ingħad u għar-raġunijiet premessi, u wara li jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, din il-Qorti (1) tillikwida l-kumpens dovut lilhom mill-eredità konvenuta għas-serviġi minnhom prestati lil Maria Pace, kif fuq intqal, u dan għar-raġunijiet premessi; (2) u tikkundanna lill-konvenut nomine jħallashom is-somma ta' £107.2.0. in restituzzjoni tal-ispejjeż erogati minnhom a vantaġġ tal-eredità konvenuta, kif ukoll tas-somma likwidata taħt l-ewwel domanda, u dan ukoll għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1958, li biha ddeċidiet billi (1) illikwidat fis-somma ta' £21 l-kumpens dovut lill-atturi mill-eredità konvenuta għas-serviġi minnhom prestati lil Maria Pace, u kkundannat lill-konvenut nomine jħallas dik is-somma hekk likwidata lill-atturi, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut; (2) illikwidat fis-somma ta' £101.11.3 l-ispejjeż erogati mill-attur a vantaġġ tal-istess eredità, u kkundannat lill-imsemmi konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata lill-atturi, bl-ispejjeż bejn il-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza. Fuq is-somma komplessiva ta' £122.11.3

l-konvenut nomine għandu jħallas lill-atturi l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza; wara li kkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin javanzaw żewġ domandi, (1) il-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens ġust dovut lilhom għas-serviġi minnhom reżi lil Maria Pace, u (2) rifużjoni tas-somma ta' £107,2.0 li huma erogaw fl-interess tal-imsemmija Maria Pace;

Il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu kkonkluda li l-atturi ma ħaqqhomx dritt ta' kumpens għal dak li l-attriċi (u talvolta l-attur) personalment, u bħala kuri u nteressament personali, għamlet ma' zijitha, peress li, meta għamlet dak li għamlet, hija ma kellhiex idea u ħsieb li titħallas għalieh, u l-istess taħbit sar minnha "pietatis vel familiaritatis causa", u li għas-somministrazzjoni li ħarġu lil Maria Pace, kif ukoll għall-ispejjeż li nefqu fl-interess tal-eredità tagħha, kif ġew minnu speċifikati, l-atturi għandhom dritt jieħdu minn għand il-konvenut nomine, in rappreżentanza tal-istess eredità, is-somma minnu likwidata ta' £101.11.3;

Illi din il-Qorti ma taqbelx mal-ewwel konklużjoni raġġunta mill-perit legali. Hu veru li r-relazzjonijiet bejn Maria Pace u l-attriċi kienu ta' bejn zija u neputija; imma l-Qorti tal-Appell, fil-15 ta' Ġunju 1942, in re "Mifsud Speranza vs. Frendo Randon", irriteniet li l-prinċipju li s-serviġi magħmula għandhom jiġu ritenuti magħmula "pietatis vel familiaritatis causa" hu applikabbli biss fil-każi li r-rapporti jkunu intimi ta' demm, ħbiberija u affezzjoni kbira, u kemm-il darba dawk is-serviġi, għalkemm jkkaġunaw inkommodu kbir lil min ipprestahom, ma kkaġunawx però perdita materjali. B'dan kollu, kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu partikulari; u fil-każ ġie ritenut, għalkemm ir-relazzjonijiet kienu bejn ziju u neputi, u kienu intimi ħafna, illi ċ-ċirkustanzi kienu tali li jiġġustifikaw it-talba għall-kumpens (Vol. XXXI-I-227);

Hekk ukoll, din il-Qorti, fit-12 ta' Diċembru 1935, in re "Farrugia vs. Caruana", irriteniet li fil-ġurisprudenza anterjuri l-preżunzjoni tan-"non-gratutità" ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' serviġi prestati bejn parenti, fejn is-serviġi ġew ritenuti bħala prestati "fami-

liaritatis causa"; imma fil-ġurisprudenza aktar reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (Vol. XXIX-II-851);

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, għall-prestazzjoni tasserviġi reżi lil Maria Pace kien hemm da parti tal-atturi, anki kunsidrat l-istat soċjali u ekonomiku tagħhom, perdita materjali; kien hemm żgur ukoll sakrifiċċju personali, almenu da parti tal-attriċi, f'dawk is-serviġi, li jiġu l-quddiem imsemmija, minnha reżi lill-zijitha Maria Pace, li ma kienetx tista' tħaddem idha l-leminija, li kienet paralizzata in segwitu għal disgrazzja, u li ma kienetx kapaċi tagħmel xejn jekk mhux bl-assistenza ta' ħadd ieħor; u biex tippresta dawk is-serviġi l-attriċi kien ikollha tħalli d-dar tagħha, għalkemm ferm fil-viċin għal dik ta' Maria Pace, u hekk neċessarjament, ftit jew wisq, tittraskura lill-familja tagħha; u f'dan is-sens kien hemm inkomodu mhux biss għaliha, imma wkoll għall-żewġha l-attur;

Il-perit legali jissottometti li meta l-attriċi, jekk mhux ukoll l-attur, ipprestat dawk is-serviġi u kuri lill-zijitha, hija ma kellhiex ħsieb li titħallas għalihom. Dwar daqshekk, hu veru li l-kumpens ta' serviġi, biex ikun dovut, hemm bżonn li jirriżulta, fil-konkors ta' ċirkustanzi oħra, il-ħsieb, u l-volontà ta' min jippresta s-serviġi li jikkonsegwixxi kumpens (Vol. XXIX-II-664). Fil-każ taħt konsiderazzjoni, però, din l-intenzjoni u volontà fl-atturi jirriżultaw manifestament. Huma kienu jafu li fis-sena 1943 Maria Pace kienet istitwiethom eredi universali tagħha, u dan kienu jafuh għaliex huma kienu akkompanjaw lid-decujus fl-okkażjoni meta għamlet it-testment għand in-Nutar Joseph Gatt. Din il-liberalità ma ġietx użata mit-testatriċi b'rimunerazzjoni tal-imsemmijin serviġi li rrendewlha l-atturi, għaliex dawn is-serviġi bdew jiġu reżi lilha fis-sena 1949; imma appuntu għaliex huma kienu jafu b'dak it-testment, l-atturi, jekk mhux għal ħaġ'oħra, riedu jpattu b'xi mod u mill-aħjar li jistgħu jikkonsegwixxu

b'xogħolhom, dawk is-serviġi tagħhom, għal dak li d-deċujus kienet ħallietilhom. Mhux preżumibbli li l-atturi kienu sejrin ikomplu jirrendu dawk is-serviġi, almenu x'uħud minnhom, prestati mill-attriċi, li jirriżultaw ġew reżi fiż-żmien meta Maria Pace kienet ġa rrevokat dak it-testment, u jonfqu flus fl-interess esklużiv tad-deċujus, kieku kienu jafu li Maria Pace dak it-testment kienet irrevokatu u għamlet ieħor f'loku, li bih però ma saretx xi istituzzjoni favur xi ħadd li kien qiegħed jirrendilha serviġi; minflok, huma baqgħu iservu lil Maria Pace anki fiż-żmien meta din ġiet meħuda l-Istpar San Vinċens de Paola, fejn kienu jinvistawha regolarment darba fil-ġimgħa, u ġie li wkoll darbtejn, u jeħdulha, oltre dawk l-affarijiet li kienet tordnalhom, xi oħrajn, ta' ikel u xorb, li kienu jaraw li hija kienet tieħu pjaċir bihom. Maria Pace kienet uriet l-apprezzament tagħha għas-serviġi reżi lilha mill-atturi max-xhud Giovanna Azzopardi. Sa meta kienet fl-Isptar imsemmi, id-decujus, tajjeb jew ħażin, uriet affezzjoni lejn l-atturi u rikonoxximent għal dak li kienu qegħdin jagħmlu magħha, u kienet tgħidilhom jixtrulha u jeħdulha l-affarijiet li kienet tkun trid. Maria Pace kellha wkoll biżżejjed minn fejn tħallas għal dawk is-serviġi;

Għalhekk l-atturi ħaqqhom kumpens għas-serviġi minnhom reżi lil Maria Pace;

Illi mill-provi jirriżulta li dawn is-serviġi ġew reżi fil-perijodu bejn Settembru 1949 u Ġunju 1951, u kienu jikkonsistu kif issottometta l-perit legali, billi l-attriċi lill-zijitha kienet tieħu ħsiebha, issajrilha u ssewwilha ħwejjiġha, tgħinha tilbes u tinża, u taħslilha l-ħwejjeġ u tieħu kura ta' darha: kienet kulltant tgħinha biex tmur il-knisja u tirritorna d-dar; u meta ma kienetx tkun tiflaħ, kienet ukoll torqod mad-decujus, biex ma tħallijhiex weħedha; u mal-lejl ġie li kienet tqum biex tagħtiha xi ħaġa; fl-aħħar żmien qabel ma marret l-Isptar, billi kienet xi ftit indebilitat ruħha u kienet tħammeġ taħtha, l-attriċi kienet tnaddafha, u tnaddaf ukoll dawk il-postijiet fejn id-decujus kienet tkun ħammġet; ċjoè mhux biss id-dar, imma wkoll barra t-trieq, u ġie li fil-knisja. Dan barra minn dawk l-okkażjonijiet meta, fiż-żmien li Maria Pace kienet l-Isptar,

l-atturi kienu jieħdu lid-decujus dawk l-affarijiet li hija kienet tordnalhom jixtrulha u jeħdulha;

Illi l-kumpens likwidabbli jiġi limitat għal dawk is-serviġi li l-attriċi rrendiet lil Maria Pace, billi, kif ingħad, assistietha u qdietha, u għall-qadi li l-attur għamel lid-decujus fl-aħħar żmien ta' ħajjitha; għaliex, oltre dawn il-premuri, ma jirriżultax li l-attur irrendielha xi serviġi oħra; u dan il-kumpens ma jiġix estiż għall-ispejjeż li l-atturi erogaw biex xtraw ikel u xorb għal Maria Pace, u dawk biex marru jieħdu l-imsemmijin affarijiet lid-decujus fl-Isptar; u dan għaliex l-istess jiffurmaw parti mit-tieni domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Meħudin f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, hi fehma ta' din il-Qorti li l-kumpens favur l-atturi għas-serviġi kollha li huma rendew lil Maria Pace għandu jiġi likwidat "arbitrio boni viri" fi tmien soldi (8d.) kull-jum li għall-perijodu fuq imsemmi jlaħħaq is-somma ta' £21;

Illi din il-Qorti tadotta t-tieni konklużjoni raġġunta mill-perit legali, għall-istess raġunijiet li ġew minnu sottomessi;

Illi, rigward l-ispejjeż, l-istess, relattivament għat-għat-tieni domanda, għandhom jiġu moderati, billi s-somma likwidata ġiet stabbilita f'anqas minn dik mitluba b'mod determinat mill-atturi;

Rat in-nota li biha l-atturi appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi riformata in kwantu stabbiliet il-kunpens dovut għas-serviġi fis-somma ta' £21, u minflok jiġi ffissat il-kumpens dovut f'ammont superjuri li jiġi likwidat minn din il-Qorti, u b'hekk il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilhom is-somma hekk awmentata, u billi fil-bqija dik is-sentenza tiġi konfermata, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-konvenut nomine; l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif stabbiliti mill-Ewwel Qorti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell huwa limitat għall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi għas-serviġi li huma rrendew lil Maria Pace, il-lum mejta. L-aggravji tal-appellanti huma tnejn:— (1) Illi r-rata ta' 8d. kulljum, adottata mill-Ewwel Qorti għall-perijodu ta' 21 xahar minn Settembru 1949 sa Gunju 1951, li fih Maria Pace kienet marida fid-dar, hija baxxa wisq; (2) u illi l-Ewwel Qorti ma akkordat lill-atturi ebda kumpens għas-serviġi li huma jgħidu li rrendew lill-istess Maria Pace fil-perijodu li din kienet rikoverata l-isptar sakemm mietet;

Dwar l-ewwel aggravju;

L-appellanti, għal dak li hi xorta u entità tas-serviġi prestati minnhom, jikkunsidraw bħala adegwata d-deskrizzjoni li tat tagħhom l-Ewwel Qorti fil-parti espożittiva tas-sentenza appellata fol. 60. Dawn jistgħu jiġu rikapitolati hekk. Maria Pace kienet mara ġa pjuttost inoltrata fl-età meta korriet b'ħabta ta' motor f'Marzu 1949. Hi kellha 62 sena. Bħala konsegwenza tal-korriment idha l-lemenija baqgħet paralizzata, b'mod li hi ma setgħetx aktar tużaha, u bil-fors kellha bżonn ta' xi ħadd li jieħu ħsiebha u jassistiha. Minn xi tliet xhur wara li korriet — sadattant hi kienet ħarġet mill-isptar — bdew iduru biha u jieħdu ħsiebha l-atturi, jew "ad ogni modo" l-attriċi. Ma jidherx li Maria Pace kienet fis-sodda għall-perijodu kollu, u anqas jidher illi għall-bidu l-attriċi kienet tmur għandha kulljum. L-attriċi stess xehdet illi "f'dak iż-żmien hi kienet tmur mat-tliet darbiet fil-ġimgħa, jew erbgħa" (fol. 20 tergo). Meta però l-attriċi ma kienetx tmur, Maria Pace anqas kienet tkun tista' tinża u tilbes. Kif jidher, l-istat tas-saħħa ta' Maria Pace iddeteriora progressivament, u l-bżonnijiet tal-kura u assistenza da parti tal-attriċi kibru. Din kienet taħsbilha, tista' tgħid, għal kollox; tlibbisha u tneżżagħha, issajrilha u taqdiha, taħsilha, tnaddfilha d-dar, taħslilha ħwejjiġha, takkompanjaha biex tmur il-knisja, u fl-aħħar sena anki tnaddaf fejn Maria Pace kienet diversi drabi kull ġimgħa, tħammeġ taħtha. Ma tul dan il-perijodu, ukoll, l-attriċi f'diversi ġranet, li b'kollox jagħmlu xi tliet ġimgħat, raqdet il-lejl magħha. Għad illi l-attriċi ma kienetx pro-

prju toqgħod il-ġurnata kollha għand Maria Pace, jidher mix-xhieda tagħha illi hi kienet tqatta hemmhekk parti kbira mill-ġurnata. Kienet anki kulljum teħdilha l-kafè milli kienet tagħmel għall-familja tagħha;

Il-konvenut ma kkontestax serjament il-prestazzjoni ta' dawn is-serviġi da parti tal-atturi. Xhieda tiegħu hu ma pproduċiex. Biss quddiem il-perit legali mqabbad mill-Ewwell Qorti hu għamel riferenza għall-kawża fl-ismijiet "Dr. Joseph Vella ne. vs. Giuseppe Attard" (Ċitz. 217/56), li dak iż-żmien kienet pendenti "sine die" quddiem il-Prim'Awla, imma in segwitu ġiet deċiża minn dik l-Qorti fis-26 ta' Ġunju 1958. Minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bonello tad-29 ta' Lulju 1950, li kopja tiegħu hemm eżibita f'dik il-kawża, jidher illi Maria Pace innominat lil ċertu Giuseppe Attard prokuratur ġenerali tagħha biex jamministralha ħwejjiġha. Jidher ukoll illi dan Attard kien anzi ġa minn xi sena qabel id-data tal-kuntratt jieħu ħsieb ta' ħwejjeġ Maria Pace. Minn kuntratt ieħor fl-atti tal-istess Nutar tat-23 ta' April 1951 — kopja fl-istess proċess — jidher li l-prokura fuq imsemmija ġiet revokata minn Maria Pace fid-19 ta' Diċembru 1950. Għad illi ż-żmien tal-amministrazzjoni ta' dan Attard ikopri parti mill-perijodu li għalieh qegħdin jitolbu kumpens l-atturi, xejn ma jidher mill-atti ta' dik il-kawża li matul dak iż-żmien l-imsemmi Attard kien jirrendi lil Maria Pace serviġi personali tax-xorta ta' dawk prestati mill-atturi. Jidher biss minn notamenti li dak Attard kien iżomm tal-amministrazzjoni tiegħu, eżibiti wkoll f'dik il-kawża, illi fid-19 ta' Awissu 1950 hu ħallas £17. 10. 0 lil ċerta Carmela Zammit "għal serviġi." Però, dan in-notament ma jwassal imkien; mhux tant għaliex xejn ma hemm spjegat f'hix kienu jikkonsistu dawk is-serviġi, iżda għaliex xejn dwar serviġi reżi lil Maria Pace minn persuni oħra barra l-attriċi ma ġie pruvat bil-metodi legali f'din il-kawża, li fiha biss huma parti l-atturi;

Stabbilit, mela, li l-atturi rrendew is-serviġi fuq deskritti, din il-Qorti għandha issa tara jekk il-kumpens likwidat għalihom mill-Ewwel Qorti huwiex adegwat. Din il-Qorti hi ta' fehma illi £1 fix-xahar, kif akkordat dik il-Qorti, hu ftit wisq. Kif tajjeb issottomettew l-atturi, kieku

ma darux huma biha u ħadu ħsieb huma ta' Maria Pace, din kien ikollha tabilfors tqabbad seftura jew bniedma barranija, u b'dak il-ħlas ma kienetx żgur tinqeda;

Meta jitqiesu l-entità u l-assidwità ta' dawk is-serviġi, iż-żmien li fih ġew prestati, u ċ-ċirkustanzi l-oħra kollha, din il-Qorti tħoss illi l-kumpens ġust u adegwat għandu għall-anqas ikun b'medja ta' £2. 10. 0 fix-xahar. Biex waslet għal din ir-rata, il-Qorti ma njoratx il-fatt illi s-serviġi ġew reżi f'raħal fil-kampanja, u illi Maria Pace ma kellhiex, bħala ġid, ħwejjeġ kbar. Lanqas injorat il-fatt li l-atturi setgħu ħadu xi ħaġa tal-imgħax fuq is-somma ta' flus ta' Maria Pace li kienet għandhom in depożitu;

Għalhekk, is-somma dovuta lill-atturi għall-perijodu kollu ta' 21 xahar tammonta għal £52. 10. 0;

Ikkunsidrat, fuq it-tieni aggravju;

Matul il-perijodu ta' 22 xahar li Maria Pace damet f'St. Vincent Hospital, minn Ġunju 1951 sa kemm mietet, l-attriċi vviżitatha regolarment darba fil-ġimgħa, bla ma falliet lanqas ġimgħa waħda; u l-attur ivviżitaha, wkoll darba fil-ġimgħa, imma falla b'kollox xi sittax il-darba. F'dawn il-viżiti huma kienu jieħdu lill-pazjenta ħwejjeġ tal-ikel, bħal frott u ħelu, li kienu jaħsbu li jogħġbuha, jew li hi stess kienet titlobhom. L-attriċi ġie li anki ħaditilha xi tisjir minn tagħha (fol. 21 tergo). Għad li l-atturi tħallsu ta' dak kollu li xtraw għall-marida u tal-ispejjeż ta' trasport li nefqu in okkażjoni ta' dawn il-viżiti, ebda kumpens ieħor ma ġie akkordat lilhom għalihom. Iżda din il-Qorti ma ssibx inġustifikata l-pretensjoni tal-atturi li xi kumpens, anki jekk żgħir, haqqhom. Dawn ma kienux viżiti ta' darba fit-tant meta fettlilhom, bħala opra ta' ħniena; kienu ħaġa regolari u fissa kull darba li l-viżiti fl-isptar kienu permessi. Bilfors li dan ikkaġunalhom inkomodu u rabta, u ma jistax ikun hemm dubju li dawn il-viżiti kienu motivati mill-istess intenzjoni ta' rikompensa li mmotivat is-serviġi l-oħra. Anzi huma kienu kontinwazzjoni tal-istess serviġi, billi ma kienx hemm ħadd ieħor li jieħu ħsiebha, imur jaraha, u jeħdilha dawk l-"extra comforts" li kellha bżonn;

L-avukat tal-appellanti ssuġġerixxa għal dawn l-inkomodi u prestazzjonijiet ta' kura u konfort kumpens ta' 10s. fix-xahar, li l-Qorti tara raġjonevoli ħafna. Għal 22 xahar, l-ammont totali jiġi, għalhekk, £11;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi kif limitat, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha in kwantu llikwidat fis-somma ta' £21 biss il-kumpens dovut lill-atturi mill-eredità ġjaċenti konvenuta għas-serviġi minnhom prestati lil Maria Pace, u kkundannat il-konvenut nomine jħallas dik is-somma hekk likwidata; u minflok tillikwida l-kumpens dovut fis-somma ta' £63. 10. 0, u tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas din is-somma lill-atturi, bl-ispejjeż. L-imgħaxijiet ordnati fis-sentenza appellata għandhom għalhekk jiddekorru fuq l-ammont komplessiv ta' £165. 1. 3. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell ukoll iħallashom il-konvenut nomine.